IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBILITÀ U T-TRASPORT

Id-Direttorat C - It-Trasport Fuq l-Art
**C.1 - It-Trasport bit-Triq**

# Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar l-istazzjonar ta' sewwieqa skont id-Direttiva (UE) 2020/1057 fil-kuntest tat-trasport tal-merkanzija[1]

***ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ: Din il-gwida tħejjiet mis-servizzi tal-Kummissjoni u ma torbotx lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti sabiex tinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.***

## KRITERJI ĠENERALI
## id-determinazzjoni ta' meta sewwieq jiġi stazzjonat jew le skont id-Direttiva (UE) 2020/1057

Id-Direttiva (UE) 2020/1057[2] (imsejħa wkoll "id-Direttiva") tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE[3] u tad-Direttiva 2014/67/UE[4], li t-tnejn huma atti leġiżlattivi dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas tal-forniment ta' servizzi. Din tagħmel distinzjoni bejn it-tipi ta' operazzjonijiet tat-trasport li għalihom għandhom japplikaw ir-regoli dwar l-istazzjonar u dawk li għalihom ma għandhomx japplikaw ir-regoli dwar l-istazzjonar. Il-kriterju ġenerali għal din id-distinzjoni huwa l-grad ta' konnessjoni mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti[5].

B'mod aktar speċifiku, jirriżulta mid-Direttiva (UE) 2020/1057 li s-sewwieqa li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport fi Stati Membri għajr l-Istat Membru fejn l-impjegatur tas-sewwieq ikollu l-istabbiliment tiegħu jiġu **stazzjonati** meta jwettqu l-operazzjonijiet li ġejjin:

1) operazzjonijiet **ta' trasport transfruntier minn terzi** [6] – mifhuma bħala operazzjonijiet ta' trasport imwettqa bejn żewġ Stati Membri, jew bejn Stat Membru u pajjiż terz, li l-

[1] Din il-gwida tirreferi biss għal mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-istazzjonar ta' sewwieqa fil-kuntest tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Se jitħejja sett differenti ta' mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-istess suġġett, fir-rigward tar-regoli dwar it-trasport tal-passiġġieri.

[2] Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49).

[3] Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

[4] Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

[5] Il-premessa 9 tad-Direttiva (UE) 2020/1057: *"Jenħtieġ li regoli bilanċjati speċifiċi għas-settur dwar l-istazzjonar ikunu bbażati fuq l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn ix-xufier u s-servizz pprovdut, u t-territorju ta' Stat Membru ospitanti. Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport skont il-grad ta' konnessjoni mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti."*

[6] Issir referenza għalihom fil-premessi 12 u 13 tad-Direttiva bħala "operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali mhux bilaterali".

ebda wieħed minnhom ma huwa l-pajjiż ta' stabbiliment[7] tal-operatur li jwettaq dawn l-operazzjonijiet;
2) operazzjonijiet ta' **kabotaġġ** – mifhuma bħala operazzjonijiet ta' trasport domestiku għall-kiri jew għall-kumpens imwettqa fuq bażi temporanja fit-territorju ta' Stat Membru minn operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor[8].

Is-sewwieq **ma għandux** jitqies bħala **stazzjonat** meta jkun qiegħed iwettaq:

1) operazzjonijiet **bilaterali internazzjonali** tat-trasport[9] – mifhuma bħala operazzjonijiet tat-trasport ibbażati fuq kuntratt tat-trasport mill-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-operatur (Stat Membru ta' stabbiliment) lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż terz, jew minn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment;
2) **attivitajiet addizzjonali limitati ta' tagħbija u/jew ħatt**[10] (jiġifieri, operazzjonijiet ta' trasport transfruntier minn terzi kif deskritti hawn fuq) imwettqa fil-kuntest ta' operazzjonijiet bilaterali fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi li s-sewwieq jgħaddi minnhom;
3) **tranżitu**[11] mit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma titwettaq xi attività ta' tagħbija jew ħatt;
4) **parti tal-vjaġġkomponent inizjali jew finali ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat**[12], kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[13], f'każ li l-parti tal-vjaġġ waħidha tkun tikkonsisti minn operazzjoni ta' trasport bilaterali internazzjonali.

## OBBLIGI AMMINISTRATTIVI
## tal-operatur qabel, matul u wara l-istazzjonar

Id-Direttiva (UE) 2020/1057, fil-paragrafi 11 u 12 tal-Artikolu 1 tagħha, tispeċifika r-rekwiżiti amministrattivi li l-operaturi jridu jissodisfaw sabiex jagħtu prova tal-konformità mar-regoli dwar l-istazzjonar tas-sewwieqa.

**Qabel l-istazzjonar, l-operatur għandu**:
- jissottometti dikjarazzjoni ta' stazzjonar lill-awtoritajiet ta' Stat Membru li lilu jiġi stazzjonat is-sewwieq;
- sa mhux aktar tard mill-bidu tal-istazzjonar;
- bl-użu tal-interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI);

**Il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' stazzjonar**:
1. l-identità tal-operatur, tal-anqas fil-forma tan-numru tal-liċenzja Komunitarja meta n-numru jkun disponibbli;
2. id-dettalji ta' kuntatt ta' maniġer tat-trasport jew ta' persuna oħra ta' kuntatt fl-Istat Membru ta' stabbiliment sabiex tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat

---

[7] L-Istat Membru ta' stabbiliment huwa definit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

[8] L-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija huma definiti fid-Direttiva b'referenza għar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

[9] Il-premessa (10) u l-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

[10] It-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

[11] Il-premessa (11) u l-paragrafu 5 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

[12] Il-premessa (12) u l-paragrafu 6 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2020/1057;

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Membru ospitanti li fih ikunu qegħdin jiġu pprovduti s-servizzi u sabiex jibagħtu u jirċievu dokumenti jew avviżi;
3. l-identità tas-sewwieq, l-indirizz tar-residenza u n-numru tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu/tagħha;
4. id-data tal-bidu tal-kuntratt ta' impjieg tas-sewwieq, u l-liġi applikabbli għalih;
5. id-data prevista tal-bidu u tat-tmiem tal-istazzjonament;
6. il-pjanċi tal-vetturi bil-mutur;
7. is-servizzi tat-trasport imwettqa (eż. il-ġarr tal-merkanzija, it-trasport tal-passiġġieri, it-trasport internazzjonali jew l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ).

**Matul l-istazzjonar, l-operatur għandu**:
- jiżgura li s-sewwieqa jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom id-dokumenti li ġejjin:
  - id-dikjarazzjoni ta' stazzjonar fuq karta jew f'forma elettronika;
  - evidenza tal-operazzjonijiet tat-trasport li jseħħu fl-Istat Membru ospitanti, bħal nota ta' konsenja elettronika (e-CMR)
  - ir-rekords tat-takografu (b'mod partikolari s-simboli tal-pajjiżi tal-Istati Membri li fihom is-sewwieq wettaq operazzjonijiet ta' trasport).

**Wara l-istazzjonar, l-operatur għandu**:
- mhux aktar tard minn tmien ġimgħat minn meta jirċievi t-talba tal-Istat Membru ospitanti, jibgħat, permezz tal-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI, id-dokumenti mitluba, bħal:
  - rekords tat-takografi;
  - noti ta' konsenja;
  - dokumentazzjoni relatata mar-remunerazzjoni tas-sewwieq fir-rigward tal-perjodu ta' stazzjonar;
  - il-kuntratt ta' impjieg;
  - skedi bil-ħinijiet relatati max-xogħol tas-sewwieq;
  - prova tal-pagamenti tar-remunerazzjoni tas-sewwieq.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jistgħu jimponu l-ebda rekwiżit amministrattiv addizzjonali fuq l-operaturi minn dawk speċifikati fid-Direttiva, sabiex jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha.

## XENARJI TAL-OPERAT TAT-TRASPORT

It-taqsimiet li ġejjin jispjegaw u juru kif japplikaw ir-regoli dwar l-istazzjonar f'xenarji differenti tal-operat tat-trasport:

I. BILATERALI
II. TRASPORT TRANSFRUNTIER MINN TERZI
III. KABOTAĠĠ
IV. TRANŻITU
V. VJAĠĠI MINGĦAJR TAGĦBIJA

**Didaskalija:**
- Il-bidu tat-trasport u tat-tagħbija
- Il-ħatt u t-tmiem tat-trasport
- It-tagħbija tal-ewwel operazzjoni addizzjonali
- Il-ħatt tal-ewwel operazzjoni addizzjonali
- It-tagħbija tat-tieni operazzjoni addizzjonali
- Il-ħatt tat-tieni operazzjoni addizzjonali
- → L-operazzjoni bilaterali
- → L-operazzjoni tat-trasport eżentata addizzjonali

→ L-operazzjoni tat-trasport mhux eżentata
→ Vjaġġ ta' tranżitu / Mingħajr tagħbija

# I. BILATERALI

### *1. Liema huma l-operazzjonijiet internazzjonali bilaterali tat-trasport eżentati mir-regoli dwar l-istazzjonar?*

**Xenarju 1: Żewġ operazzjonijiet bilaterali**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jsuq trakk mimli bil-merkanzija minn Vilnius (LT) sa Pariġi (FR). Is-sewwieq iħott il-merkanzija kollha f'Pariġi. Imbagħad, għall-vjaġġ tar-ritorn, is-sewwieq jgħabbi l-merkanzija f'Pariġi sabiex iwassalhom f'Vilnius (LT).*



<u>Konklużjoni</u>: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali tat-trasport: wieħed mil-LT (Stat Membru ta' stabbiliment) għal FR (pajjiż ospitanti) u ieħor minn FR lura għal LT. Għalhekk, is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli dwar l-istazzjonar matul il-vjaġġ kollu.

**Xenarju 2: operazzjonijiet bilaterali bi tliet postijiet ta' ħatt**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Vilnius (LT). Imbagħad, is-sewwieq isuq lejn Berlin (DE) u jħott 1/3 tal-merkanzija, u mbagħad imur lejn Antwerp (BE) sabiex iħott 1/3 ieħor tal-merkanzija. Wara dan, is-sewwieq ikompli jsuq lejn Lyon (FR), u jħott it-1/3 li jifdal tal-merkanzija.*



<u>Konklużjoni</u>: Is-sewwieq wettaq tliet operazzjonijiet bilaterali fi vjaġġ wieħed. Il-vjaġġ beda bit-tagħbija tat-trakk mimli bil-merkanzija f'LT (Stat Membru ta' stabbiliment) li mbagħad inħatt fi tliet pajjiżi differenti (ħatt parzjali tal-merkanzija f'DE, f'BE, f'FR). Minħabba li diversi operazzjonijiet ta' trasport bilaterali eżentati (jiġifieri kull wieħed kopert minn nota ta' konsenja separata) jistgħu jitwettqu matul vjaġġ wieħed[14], is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli dwar l-istazzjonar għall-vjaġġ kollu.

[14] Il-premessa 10 tad-Direttiva (UE) 2020/1057: *"Meta xufier iwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali mill-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża ("l-Istat Membru ta' stabbiliment") lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż terz jew lura lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, in-natura tas-servizz hija marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment. Huwa possibbli li xufier iwettaq diversi operazzjonijiet ta' trasport bilaterali matul vjaġġ wieħed."*

**Xenarju 3: operazzjonijiet bilaterali bi tliet postijiet ta' tagħbija**

*Wara t-twettiq tal-operazzjonijiet deskritti fix-Xenarju 2, fit-triq lura lejn LT, is-sewwieq impjegat mill-kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi 1/3 ta' trakk bil-merkanzija f'Lyon (FR). Imbagħad, is-sewwieq isuq sa Brussell (BE) u jgħabbi 1/3 ta' trakk ieħor bil-merkanzija, u mbagħad sa Varsavja (PL) sabiex jgħabbi l-bqija tat-1/3 tat-trakk li jifdal bil-merkanzija. Wara, is-sewwieq ikompli jsuq lejn Vilnius (LT), sabiex iħott il-merkanzija kollha.*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq tliet operazzjonijiet bilaterali matul vjaġġ ta' ritorn wieħed lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment. Minħabba li diversi operazzjonijiet bilaterali eżentati tat-trasport (jiġifieri kull wieħed taħt nota ta' konsenja separata) jistgħu jitwettqu matul vjaġġ wieħed, is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli tal-istazzjonar għall-vjaġġ kollu.

## II. TRASPORT TRANSFRUNTIER MINN TERZI

### *2. Is-sewwieqa li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport transfruntier minn terzi huma soġġetti għar-regoli dwar l-istazzjonar tas-sewwieqa?*

**Xenarju 4: trasport transfruntier minn terzi bejn żewġ operazzjonijiet bilaterali**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Portugall (PT) iġorr trakk mimli bil-merkanzija minn Lisbona (PT) għal Marsilja (FR). Is-sewwieq iħott il-merkanzija f'Marsilja. F'Marsilja (FR), is-sewwieq imbagħad jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija u jħottu f'Berlin (DE). F'Berlin, is-sewwieq jgħabbi trakk mimli merkanzija u jħottu f'Porto (PT).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali distinti u operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi waħda. L-ewwel operazzjoni bilaterali bdiet f'PT (Stat Membru ta' stabbiliment) bit-tagħbija tal-merkanzija u ntemmet fi FR bil-ħatt ta' dik il-merkanzija. It-tieni operazzjoni bilaterali twettqet mit-tagħbija tal-merkanzija f'DE għall-ħatt tagħha f'PT (Stat Membru ta' stabbiliment). Matul iż-żewġ operazzjonijiet bilaterali, is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli dwar l-istazzjonar. L-operazzjoni tat-tagħbija tal-merkanzija fi FR u l-ħatt tagħha f'DE kienet operazzjoni transfruntiera minn terzi mhux konnessa ma' kwalunkwe waħda miż-żewġ operazzjonijiet bilaterali. Għalhekk, is-sewwieq jibda jiġi stazzjonat fi FR wara t-tmiem tal-operazzjoni bilaterali meta jibda jsuq lejn il-punt tat-tagħbija sabiex jgħabbi l-merkanzija li għandha tinġarr fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi. L-istazzjonar lejn FR jintemm meta s-sewwieq jitlaq mit-territorju Franċiż. Imbagħad is-sewwieq jitqies bħala stazzjonat f'DE, mid-dħul fit-territorju DE sal-ħatt tal-merkanzija f'dak l-Istat Membru.

**Xenarju 5: trasport transfruntier minn terzi bejn operazzjoni bilaterali u vjaġġ mingħajr tagħbija**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Portugall (PT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Lisbona (PT) u jsuq lejn Berlin (DE), fejn din il-merkanzija tinħatt. F'Berlin (DE), is-sewwieq jgħabbi trakk mimli b'merkanzija oħra u jħottha f'Madrid (ES). Imbagħad, is-sewwieq isuq bit-trakk vojt minn Madrid (ES) lura għall-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu (PT).*



<u>Konklużjoni</u>: Is-sewwieq wettaq operazzjoni bilaterali waħda ta' trasport minn PT għal DE, operazzjoni waħda ta' trasport transfruntier minn terzi minn DE għal ES u vjaġġ wieħed ta' ritorn mingħajr tagħbija minn ES lura għal PT. Is-sewwieq jibda jiġi stazzjonat lejn DE wara t-tmiem tal-operazzjoni bilaterali meta jibda jsuq sal-punt tat-tagħbija sabiex jgħabbi l-merkanzija li għandha tinġarr fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi minn DE għal ES. L-istazzjonar lejn DE jintemm meta s-sewwieq jitlaq mit-territorju ta' DE. Is-sewwieq imbagħad jitqies bħala stazzjonat f'ES mill-mument li jidħol fit-territorju ta' ES sakemm il-merkanzija miġjuba minn DE fi ħdan operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi tinħatt u s-sewwieq ikun lesta l-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi. Il-vjaġġ tar-ritorn mingħajr tagħbija mit-territorju ta' ES ma huwiex meqjus bħala stazzjonar. Is-sewwieq ma huwiex meqjus bħala stazzjonat fi FR li fih jagħmel tranżitu matul il-vjaġġ bilaterali minn PT għal DE u matul l-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi minn DE għal ES.

### *3. X'inhuma l-attivitajiet addizzjonali limitati tat-tagħbija u/jew tal-ħatt eżentati mir-regoli dwar l-istazzjonar?*

Is-sewwieq huwa eżentat mir-regoli dwar l-istazzjonar fejn, fil-kuntest ta' operazzjoni bilaterali ta' trasport li tkun għaddejja, iwettaq ukoll **attività ta' "trasport transfruntier minn terzi" waħda** ta' tagħbija u/jew ħatt fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz li s-sewwieq jaqsam, sakemm is-sewwieq ma jgħabbix il-merkanzija u jħottha fl-istess Stat Membru.

Dan huwa possibbli, pereżempju, meta s-sewwieq iwettaq operazzjoni bilaterali mingħajr trakk mimli, u sabiex juża l-kapaċità tat-tagħbija tal-vettura sal-massimu tagħha, is-sewwieq jgħabbi merkanzija addizzjonali matul it-triq. Is-sewwieq jista' jwettaq operazzjoni waħda ta' trasport transfruntier minn terzi eżenti (jiġifieri, attività addizzjonali ta' tagħbija u/jew ħatt) matul operazzjoni bilaterali mill-Istat Membru ta' stabbiliment għall-Istat Membru ospitanti. Meta jitwettqu żewġ operazzjonijiet bilaterali konsekuttivi minn u lejn l-Istat Membru tal-istabbiliment, matul kull waħda miż-żewġ operazzjonijiet tista' titwettaq operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi addizzjonali eżentata. Din hija l-hekk imsejħa **regola 1+1**.

**Xenarju 6: żewġ operazzjonijiet bilaterali b'żewġ istanzi ta' trasport transfruntier minn terzi (1+1)**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi ½ it-trakk bil-merkanzija f'Vilnius (LT) li għandu jiġi kkonsenjat f'Barċellona (ES). Is-sewwieq jieqaf f'Berlin (DE) u jgħabbi t-trakk bin-½ li jifdal b'merkanzija differenti. Is-sewwieq imbagħad imur lejn Brussell (BE) u jħott dik il-merkanzija mgħobbija f'Berlin (DE). Wara, is-sewwieq ikompli l-vjaġġ u jħott f'Barċellona (ES) il-merkanzija mgħobbija f'Vilnius (LT). Għall-operazzjoni bilaterali ta' ritorn, is-sewwieq jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Barċellona (ES). Is-sewwieq jieqaf fi Brussell sabiex iħott ½ il-merkanzija. Is-sewwieq imbagħad ikompli jsuq lejn Vilnius (LT) sabiex iħott il-bqija tan-½ li jifdal tal-merkanzija.*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali ta' trasport b'attività addizzjonali waħda ta' tagħbija u/jew ħatt (trasport transfruntier minn terzi) matul kull operazzjoni bilaterali. L-ewwel operazzjoni bilaterali twettqet minn LT għal ES, b'attività addizzjonali eżentata waħda (jiġifieri t-tagħbija tal-merkanzija f'DE u l-ħatt tagħha f'BE). It-tieni operazzjoni bilaterali (ta' ritorn) twettqet minn ES għal LT, anke b'attività addizzjonali eżentata waħda (jiġifieri t-tagħbija tal-merkanzija f'ES u l-ħatt ta' parti minnha f'BE). Is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli dwar l-istazzjonar għall-vjaġġ kollu.

Għandu jiġi nnotat li attività addizzjonali waħda eżentata tista' tinkludi:

- azzjoni ta' tagħbija;
- azzjoni ta' ħatt; jew

- azzjoni ta’ tagħbija u ħatt

kif speċifikat fl-Artikolu 1.3 tad-Direttiva (UE) 2020/1057.

4. ***Huwa possibbli li s-sewwieq iwettaq <u>żewġ</u> attivitajiet addizzjonali eżentati matul operazzjoni bilaterali ta' trasport ta' ritorn lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, jekk ma tkun twettqet l-ebda attività addizzjonali matul l-operazzjoni bilaterali mill-Istat Membru ta' stabbiliment?***

Iva, meta s-sewwieq ma jkunx uża l-possibbiltà li jwettaq attività addizzjonali waħda eżentata ta' tagħbija u/jew ħatt (trasport transfruntier minn terzi) matul l-operazzjoni bilaterali tat-trasport mill-Istat Membru tal-istabbiliment, u din l-operazzjoni hija segwita minn operazzjoni bilaterali ta' ritorn lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment, żewġ attivitajiet addizzjonali eżentati ta' tagħbija u/jew ħatt (trasport transfruntier minn terzi) jistgħu jitwettqu matul dik l-operazzjoni bilaterali ta' ritorn. Din hija l-hekk imsejħa **regola 0+2**.

**Xenarju 7: operazzjoni bilaterali waħda b'żewġ istanzi ta' trasport transfruntier minn terzi (0+2)**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Vilnius (LT) u jwassalha f'Madrid (ES).*

*Is-sewwieq imbagħad jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Madrid (ES). Is-sewwieq jieqaf fi Brussell (BE) sabiex iħott ¼ ta' dik il-merkanzija. Is-sewwieq imbagħad isuq lejn Berlin (DE) u jħott ¼ tal-merkanzija. Is-sewwieq imbagħad ikompli jsuq lejn Vilnius (LT) sabiex iħott il-bqija tan-½ li jifdal tal-merkanzija.*



<u>Konklużjoni</u>: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali ta' trasport b'żewġ attivitajiet addizzjonali ta' ħatt (trasport transfruntier minn terzi) matul l-operazzjoni bilaterali ta' ritorn. L-ewwel operazzjoni bilaterali twettqet minn LT għal ES, bl-ebda attività addizzjonali bejniethom. It-tieni operazzjoni bilaterali (ta' ritorn) twettqet minn ES għal LT, b'żewġ attivitajiet addizzjonali eżentati (jiġifieri operazzjonijiet ta' trasport

transfruntier minn terzi bejn ES-BE u ES-DE, li jikkonsistu f'żewġ attivitajiet ta' ħatt addizzjonali). Is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli dwar l-istazzjonar matul il-vjaġġ kollu.

**Xenarju 8: operazzjoni bilaterali waħda b'żewġ istanzi ta' trasport transfruntier minn terzi (0+2)**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Vilnius (LT) u jikkunsinjaha f'Barċellona (ES). Is-sewwieq jgħabbi ½ it-trakk bil-merkanzija f'Barċellona (ES) u mbagħad jieqaf f'Lyon (FR) u jgħabbi ½ it-trakk b'tip ieħor ta' merkanzija. Wara dan, is-sewwieq isuq lejn Brussell (BE) u jħott il-merkanzija mgħobbija f'Lyon (FR). Is-sewwieq imbagħad ikompli jsuq lejn Berlin (DE) sabiex jgħabbi ½ it-trakk b'merkanzija oħra, li mbagħad iħottha f'Varsavja (PL). Fl-aħħar nett, is-sewwieq ikompli jsuq lejn Vilnius (LT) fejn iħott il-merkanzija mgħobbija f'Barċellona (ES).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali ta' trasport b'żewġ attivitajiet addizzjonali, li kull waħda minnhom tikkonsisti f'attività ta' tagħbija u ħatt (trasport transfruntier minn terzi), matul l-operazzjoni bilaterali ta' ritorn. L-ewwel operazzjoni bilaterali twettqet minn LT għal ES, mingħajr ebda attività addizzjonali. It-tieni operazzjoni bilaterali (ta' ritorn) twettqet minn ES għal LT, b'żewġ attivitajiet addizzjonali eżentati (jiġifieri operazzjonijiet ta' trasport transfruntier minn terzi bejn FR-BE u DE-PL, bit-tnejn li huma jikkonsistu f'attività addizzjonali ta' tagħbija u ħatt). Is-sewwieq ma kienx soġġett għal regoli dwar l-istazzjonar għall-vjaġġ kollu.

**5. *F'każ ta' aktar minn attività addizzjonali waħda mwettqa fil-kuntest ta' operazzjoni bilaterali tat-trasport, liema minn dawk l-attivitajiet hija eżentata u liema hija soġġetta għar-regoli dwar l-istazzjonar?***

Meta jitwettqu diversi operazzjonijiet ta' kummerċ reċiproku fil-kuntest ta' operazzjoni bilaterali li tkun għaddejja, **l-ewwel attività** (fil-każ tar-regola 1+1) jew **l-ewwel żewġ attivitajiet** (fil-każ tar-regola 0+2) huma eżentati mir-regoli dwar l-istazzjonar. Għalhekk, meta l-operatur iwettaq it-tielet attività addizzjonali (fix-xenarju 1+1 jew fix-xenarju 0+2), jew aktar, tali attivitajiet addizzjonali ma jibqgħux eżentati, u għalhekk jaqgħu taħt ir-regoli dwar l-istazzjonar.

**Xenarju 9: operazzjoni bilaterali bi trasport transfruntier minn terzi eżentat wieħed u trasport transfruntier minn terzi wieħed mhux eżentat**
*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi ½ it-trakk bil-merkanzija f'Vilnius (LT), li għandu jiġi kkonsenjat f'Madrid (ES). Waqt li jkun qiegħed isuq lejn Madrid, is-sewwieq jieqaf f'Varsavja (PL) sabiex jgħabbi ½ it-trakk b'merkanzija oħra sabiex jikkunsinjaha f'Berlin (DE). Wara l-ħatt tal-merkanzija minn Varsavja f'Berlin, is-sewwieq imbagħad jgħabbi ½ it-trakk b'tip ieħor ta' merkanzija f'Berlin (DE) u jħottha fi Brussell (BE). Wara, is-sewwieq ikompli jsuq lejn Madrid (ES), u jħott il-merkanzija mgħobbija f'Vilnius (LT).*



<u>Konklużjoni</u>: Is-sewwieq wettaq operazzjoni bilaterali waħda ta' trasport (minn LT għal ES) u żewġ attivitajiet addizzjonali ta' tagħbija u ħatt (trasport transfruntier minn terzi) matul din l-operazzjoni bilaterali. L-ewwel attività addizzjonali tat-tagħbija tal-merkanzija f'PL u l-ħatt tagħha f'DE hija eżentata mir-regoli dwar l-istazzjonar, filwaqt li t-tieni attività addizzjonali tat-tagħbija tal-merkanzija f'DE u l-ħatt tagħha f'BE taqa' fi ħdan ir-regoli dwar l-istazzjonar. Dan huwa dovut għall-fatt li s-sewwieq diġà uża l-possibbiltà għal attività addizzjonali waħda eżentata ta' tagħbija u ħatt. Is-sitwazzjoni tal-istazzjonar tibda tapplika bit-tagħbija tal-merkanzija f'Berlin (DE) u tispiċċa meta dik il-merkanzija tinħatt fi Brussell (BE) – hekk kif is-sewwieq jerġa' jkompli l-operazzjoni bilaterali eżentata mir-regoli dwar l-istazzjonar. Għalhekk, is-sewwieq jitqies stazzjonat f'DE mill-mument tat-tagħbija tal-merkanzija f'Berlin u jintemm meta jitlaq mit-territorju DE. Is-sewwieq imbagħad jitqies bħala stazzjonat f'BE mid-dħul fit-

territorju BE sal-ħatt tal-merkanzija fi Brussell. Wara l-ħatt tal-merkanzija fi Brussell, is-sewwieq jerġa' jibda l-operazzjoni bilaterali, li hija eżentata mir-regoli dwar l-istazzjonar.

## III. KABOTAĠĠ

**Xenarju 10: Żewġ operazzjonijiet bilaterali + kabotaġġ**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Portugall (PT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Lisbona (PT) u jikkonsenjah f'Hamburg (DE). Wara li jħott il-merkanzija f'Hamburg (DE), is-sewwieq jgħabbi trakk mimli b'merkanzija oħra u jħottha fi Munich (DE). Imbagħad fi Munich (DE), is-sewwieq jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija li għandha tiġi kkonsenjata f'Lisbona (PT).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali (waħda minn PT għal DE u oħra minn DE lura għal PT) u operazzjoni waħda ta' kabotaġġ f'DE. Is-sewwieq jitqies bħala stazzjonat f'DE. Is-sitwazzjoni ta' stazzjonar tibda wara t-tmiem tal-operazzjoni bilaterali (il-ħatt tal-merkanzija f'Hamburg) meta jibda jsuq lejn il-punt tat-tagħbija sabiex jgħabbi l-merkanzija għall-operazzjoni ta' kabotaġġ f'DE. L-istazzjonar ikompli permezz tat-twettiq tal-operazzjoni ta' kabotaġġ u jintemm meta l-merkanzija tinħatt u l-operazzjoni ta' kabotaġġ tiġi ffinalizzata. Is-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat f'DE għall-parti tal-vjaġġ wara t-tmiem tal-operazzjoni ta' kabotaġġ u meta jibda jaħdem għall-operazzjoni bilaterali ta' ritorn (jiġifieri: isuq sal-punt tat-tagħbija, jgħabbi l-merkanzija għal operazzjoni bilaterali u jġorrha matul it-territorju DE).

## IV. TRANŻITU

### *6. X'inhu "tranżitu" u huwa barra mill-ambitu tar-regoli dwar l-istazzjonar?*

Il-kunċett ta' tranżitu huwa kkaratterizzat mill-fatt li s-sewwieq jaqsam it-territorju ta' Stat Membru mingħajr tagħbija jew ħatt ta' merkanzija. Għalhekk, il-kwalifika tal-preżenza tas-sewwieq fi Stat Membru bħala tranżitu mhijiex affettwata minn waqfiet, pereżempju, għal raġunijiet ta' iġjene, riforniment ta' fjuwil, teħid ta' pawżi jew perjodi ta' mistrieħ[15]. Dan ifisser li sitwazzjoni ta' tranżitu hija barra mill-ambitu tar-regoli dwar l-istazzjonar.

**Xenarju 11: tranżitu + operazzjoni bilaterali + trasport transfruntier minn terzi + tranżitu**
*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Portugall (PT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Lisbona (PT) li għandu jiġi kkonsenjat f'Madrid (ES). F'Madrid (ES) is-sewwieq jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija li għandha tiġi kkonsenjata f'Dortmund (DE). Wara l-konsenja f'Dortmund, is-sewwieq jirritorna bit-trakk vojt lejn Lisbona (PT).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq operazzjoni bilaterali waħda minn PT għal ES, operazzjoni waħda ta' trasport transfruntier minn terzi minn ES għal DE u vjaġġ wieħed mingħajr tagħbija minn DE lura għal PT. Is-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat f'ES għall-parti tal-vjaġġ imwettqa taħt operazzjoni bilaterali. Is-sewwieq jibda jiġi stazzjonat f'ES wara t-tmiem tal-operazzjoni bilaterali (il-ħatt tal-merkanzija f'Madrid) u meta jibda jsuq sal-punt tat-tagħbija sabiex jgħabbi l-merkanzija għal operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi f'ES għal DE. L-istazzjonar lejn ES jintemm meta s-sewwieq iħalli t-territorju ta' ES. Is-sewwieq imbagħad jitqies stazzjonat f'DE mill-mument tad-dħul fit-territorju DE sakemm itemm l-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi f'DE. Is-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat f'DE matul il-vjaġġ mingħajr tagħbija ta' ritorn lejn PT, wara t-tmiem tal-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi. Is-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat f'FR jew f'BE, minħabba li huwa jagħmel biss tranżitu fit-territorji ta' dawn il-pajjiżi meta jwettaq operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi.

[15] Il-premessa 11 tad-Direttiva (UE) 2020/1057

## V. VJAĠĠI MINGĦAJR TAGĦBIJA

### *7. Vjaġġ mingħajr tagħbija huwa l-istess bħal "tranżitu"?*

Le. Sitwazzjoni ta' tranżitu hija dejjem eżentata mir-regoli dwar l-istazzjonar, filwaqt li vjaġġ mingħajr tagħbija[16] huwa eżentat jekk jitwettaq b'rabta ma' operazzjoni bilaterali u ma jkunx eżentat meta jitwettaq b'rabta ma' kabotaġġ jew ma' operazzjoni internazzjonali mhux bilaterali li taqa' taħt ir-regoli dwar l-istazzjonar (trasport transfruntier minn terzi).

Fil-prinċipju, l-istazzjonar jintemm bil-ħatt ta' merkanzija ttrasportata fi ħdan l-operazzjoni li taqa' taħt ir-regoli dwar l-istazzjonar (eż. kabotaġġ jew trasport transfruntier minn terzi). Il-klassifikazzjoni tal-vjaġġ mingħajr tagħbija sussegwenti bħala stazzjonar jew bħala eżenti mill-istazzjonar tiddependi fuq jekk l-operazzjoni l-ġdida, li tazzjona dak il-vjaġġ mingħajr tagħbija, hijiex koperta minn regoli dwar l-istazzjonar jew le. F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed jinnota li s-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat jekk, wara l-ħatt tal-merkanzija fl-operazzjoni koperta mir-regoli dwar l-istazzjonar, huwa jwettaq vjaġġ mingħajr tagħbija lura lejn l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu/tagħha.

---

16 L-Artikolu 2.2 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 jiddikjara illi: "trasport internazzjonali" jfisser:

(a) vjaġġ mgħobbi magħmul minn vettura li l-postijiet tat-tluq u tal-wasla tagħha jkunu f'żewġ Stati Membri differenti, bi tranżitu jew mingħajr tranżitu minn xi Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;

(b) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura minn Stat Membru lejn pajjiż terz jew *vice versa*, sew jekk bi tranżitu kif ukoll mingħajr tranżitu minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;

(c) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura bejn pajjiżi terzi, bi tranżitu mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar minn wieħed; jew

(d) vjaġġ mingħajr tagħbija li huwa involut ma' trasport imsemmi fil-punti (a), (b) u (c);

**Xenarju 12: operazzjoni bilaterali + vjaġġ mingħajr tagħbija**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Vilnius (LT) u jħottha f'Pariġi (FR). Fit-triq lura, is-sewwieq isuq bit-trakk vojt minn Franza (FR) lejn il-Litwanja (LT).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq operazzjoni bilaterali waħda ta' trasport minn LT għal FR, segwita minn vjaġġ mingħajr tagħbija minn FR lura għal-LT. Is-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat għall-vjaġġ kollu: la matul l-operazzjoni bilaterali lejn FR u lanqas matul il-vjaġġ mingħajr tagħbija mwettaq wara t-tmiem tal-operazzjoni bilaterali mill-Istat Membru ta' stabbiliment sabiex jirritorna lejn dak l-Istat Membru.

**Xenarju 13: Żewġ operazzjonijiet bilaterali + vjaġġ wieħed mingħajr tagħbija**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Litwanja (LT) jgħabbi merkanzija f'Vilnius (LT) u jħottha f'Pariġi (FR). Is-sewwieq isuq bi trakk vojt minn Pariġi (FR) sa Antwerp (BE). Is-sewwieq imbagħad jgħabbi l-merkanzija f'Antwerp (BE) u jħottha f'Vilnius (LT).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali tat-trasport u vjaġġ wieħed mingħajr tagħbija bejniethom. L-ewwel operazzjoni bilaterali seħħet minn LT għal FR, filwaqt li t-tieni operazzjoni bilaterali twettqet minn BE għal LT. Il-vjaġġ mingħajr tagħbija bejn FR u BE għandu jitqies bħala mwettaq flimkien mat-tieni operazzjoni bilaterali tat-trasport li tibda f'BE, għalhekk ifisser li r-regoli dwar l-istazzjonar ma japplikawx. Għalhekk, is-sewwieq ma għandux jitqies bħala stazzjonat matul dawn l-operazzjonijiet kollha.

**Xenarju 14: żewġ vjaġġi mingħajr tagħbija + trasport transfruntier minn terzi**

*Sewwieq li l-kumpanija tiegħu hija bbażata fil-Polonja (PL) iwettaq vjaġġ mingħajr tagħbija minn Varsavja (PL) sa Berlin (DE). F'Berlin (DE), is-sewwieq jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija u jħottha fi Brussell (BE). Imbagħad, is-sewwieq isuq it-trakk vojt minn Brussell (BE) għal Varsavja (PL).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ vjaġġi distinti mingħajr tagħbija u operazzjoni kummerċjali waħda bejniethom. L-ewwel vjaġġ mingħajr tagħbija bejn PL u DE kien segwit minn operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi bejn DE u BE, li mbagħad kien segwit minn vjaġġ mingħajr tagħbija minn BE lura għal PL. Il-vjaġġ mingħajr tagħbija minn PL għal DE jitwettaq flimkien mal-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi li tibda f'DE. Għalhekk, is-sewwieq jitqies bħala stazzjonat f'DE mill-mument tad-dħul fit-territorju DE sakemm jitlaq mit-territorju DE. Dan il-perjodu jkopri s-sewqan bi trakk vojt sal-punt tat-tagħbija f'DE, it-tagħbija tal-merkanzija f'DE u l-ġarr tagħha matul it-territorju DE. Is-sewwieq imbagħad jitqies bħala stazzjonat f'BE mill-mument tad-dħul fit-territorju BE sa tmiem l-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi f'BE. Is-sewwieq ma jitqiesx bħala stazzjonat matul vjaġġ mingħajr tagħbija wara t-tmiem tal-operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi meta jirritorna lejn l-Istat Membru tal-istabbiliment. Is-sewwieq ma jitqiesx stazzjonat f'NL meta jwettaq operazzjoni ta' trasport transfruntier minn terzi bejn DE u BE minħabba li jagħmel biss tranżitu mit-territorju NL mingħajr tagħbija jew ħatt.

**Xenarju 15: żewġ operazzjonijiet bilaterali + kabotaġġ + żewġ vjaġġi mingħajr tagħbija**

*Sewwieq impjegat minn kumpanija stabbilita fil-Ġermanja (DE) jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Berlin (DE), isuq lejn Pariġi (FR) u jħott il-merkanzija kollha. Is-sewwieq imbagħad isuq bit-trakk vojt lejn Lyon (FR) sabiex jgħabbi l-merkanzija u jħottha f'Marsilja (FR). Is-sewwieq imbagħad isuq bit-trakk vojt minn Marsilja (FR) għal Nantes (FR). Fit-triq lura lejn il-Ġermanja (DE), is-sewwieq jgħabbi trakk mimli bil-merkanzija f'Nantes (FR) u jħottha f'Berlin (DE).*



Konklużjoni: Is-sewwieq wettaq żewġ operazzjonijiet bilaterali tat-trasport (minn DE sa FR u minn FR sa DE), operazzjoni waħda ta' kabotaġġ fi FR, u żewġ vjaġġi mingħajr tagħbija fi FR. L-ewwel operazzjoni bilaterali minn DE intemmet bil-ħatt tal-merkanzija f'Pariġi (FR). Is-sewwieq jibda jiġi stazzjonat fi FR wara t-tmiem ta' dik l-operazzjoni bilaterali meta jibda jsuq (vjaġġ mingħajr tagħbija) sal-punt tat-tagħbija fejn jgħabbi merkanzija li għandha tinġarr taħt operazzjoni ta' kabotaġġ fi FR. L-istazzjonar fi FR jintemm meta tintemm l-operazzjoni ta' kabotaġġ, minħabba li wara dan, is-sewwieq jibda jsuq trakk vojt sabiex jgħabbi merkanzija li għandha tiġi kkonsenjata fi ħdan operazzjoni bilaterali minn FR għal DE. Għalhekk, l-ewwel vjaġġ mingħajr tagħbija bejn Pariġi u Lyon jaqa' fi ħdan ir-regoli dwar l-istazzjonar, peress li dan il-vjaġġ huwa konness mal-operazzjoni ta' kabotaġġ imwettqa bejn Lyon u Marsilja. It-tieni vjaġġ mingħajr tagħbija bejn Marsilja u Nantes huwa eżentat mir-regoli dwar l-istazzjonar, peress li dan il-vjaġġ huwa marbut mal-operazzjoni bilaterali ta' ritorn minn Nantes (FR) għal Berlin (DE), li hija eżentata mir-regoli dwar l-istazzjonar.